# Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD)

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabiltà (CRPD) hija impenjata li tagħmel lis-soċjetà Maltija waħda inklużiva, b'mod li l-persuni b'diżabiltà jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fl-aspetti kollha tal-ħajja, billi jgawdu kwalità għolja ta' ħajja bis-saħħa ta' opportunitajiet indaqs. Fit-twettiq ta' din il-missjoni, is-CRPD taħdem sabiex telimina kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni soċjali diretta jew indiretta kontra l-persuni b'diżabiltà u l-familji tagħhom filwaqt li tipprovdilhom l-assistenza u s-sapport meħtieġ.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab f'din il-ħolqa: *https://www.crpd.org.mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATJANA

### Meta tikkuntatjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta tikkuntatjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum ta' xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Meta żżur id-Dipartiment

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 10 minuti f'ċirkustanzi normali.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum ta' xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mat-timeframes u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntatjana skont id-dettalji murija hawn: *https://www.crpd.org.mt/contact*
- Permezz ta' servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq 'Issottometti Ilment'

Il-kunfidenzjalità tiegħek hija garantita. Stenna li tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 1 jum ta' xogħol.

## KIF TIKKUNTATJANA

- CRPD, Uffiċċji G5, Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara, Malta
- CRPD Helpdesk, Skola Primarija Sannat, Triq Sannat, Għawdex
- Nhar ta' Tnejn: 08:15-12:00 & 13:30-17:00 Mit-Tlieta sal-Ġimgħa 08:15-12:00
  Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi: Magħluqa
- *https://www.crpd.org.mt/* or *helpdesk@crpd.org.mt*
- Malta: +356 2226 7600; u SMS biss +356 7978 8555 (Neqsin mis-Smigħ)
- Permezz tal-Midja Soċjali: